# HERITAGE MALTA TAGĦTI L-ĦAJJA LIL ĠRAJJIETNA FIL-FORTI SANT'ANĠLU U SAN PAWL MILQI FI FRAR

**Stqarrija | 30 ta' Jannar 2025**

Fi Frar li ġej, Heritage Malta qed tistieden lill-pubbliku biex jiċċelebra l-wirt kulturali għani ta' pajjiżna b'żewġ avvenimenti uniċi – Castrum Maris fil-Forti Sant'Anġlu, u l-ftuħ speċjali tas-sit ta' San Pawl Milqi f'Burmarrad, li normalment ikun magħluq.

Għalkemm ninsabu fil-bidu tas-sena, u forsi tmiemha għalissa narawh 'il bogħod, Heritage Malta qed tiżgura li ta' kull xahar toffri opportunitajiet biex toħloq memorji li jispikkaw meta thares lura.

Nhar il-Ħadd 2 ta' Frar, il-Forti Sant'Anġlu – wieqaf setgħan fil-ponta tal-Birgu bħala l-aktar simbolu ikoniku tal-importanza strateġika tal-gżejjer tagħna, se jmur lura għall-kapitlu medjevali tiegħu. Mill-10:00am sat-3:00pm, re-enactors mill-Historical Re-enactment Group Malta se juru kif kienet il-ħajja fil-fortizza Castrum Maris fis-snin 1400.

Il-viżitaturi se jaraw lis-suldati f'ilbies u armatura tal-perjodu u jitgħallmu dettalji dwar l-armi u l-provvisti essenzjali għad-difiża tal-Forti dak iż-żmien. Il-biljetti tad-dħul se jkunu b'rati normali, filwaqt li l-membri ta' Heritage Malta u dawk li għandhom passaport tal-istudenti jew tal-anzjani jistgħu jidħlu b'xejn.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl se nimmarkawha bil-ftuħ speċjali ta' San Pawl Milqi f'Burmarrad, nhar it-Tnejn, 10 ta' Frar. Is-sit huwa tradizzjonalment meqjus bħala l-post fejn Publiju, il-Protos tal-gżira, laqa' u ospita lil San Pawl waqt iż-żmien li l-appostlu qatta' fil-gżira madwar is-60 QK. Din l-opportunità rari li wieħed iżur dan is-sit storiku li tipikament ikun magħluq tinkludi ċ-ċelebrazzjoni ta' quddiesa bil-Malti fl-10:00am, u żewġ dawriet iggwidati li jispjegaw is-sinifikat arkeoloġiku u reliġjuż tiegħu. Id-dawra bil-Malti tibda fid-9:00am, segwita minn dawra bl-Ingliż fil-11:00am. Peress li l-ispazji għal kull dawra huma limitati, huwa essenzjali li l-biljetti jinqatgħu minn qabel.

Għall-membri ta' Heritage Malta, se ssir attività esklużiva nhar is-Sibt, 8 ta' Frar. Il-parteċipanti se jesploraw is-sit f'dawra ggwidata, mbagħad se jkunu huma stess li jmiddu jdejhom f'attivitatijiet arkeoloġiċi, inkluż skavar u l-ikkatalogar tal-artefatti, taħt għajnejn esperti, għal għodwa tassew unika. L-attendenza hija b'xejn, iżda l-ispazji huma limitati, għaldaqstant meħtieġ li l-biljetti jinqatgħu minn qabel.

Ibbukkja l-biljetti tiegħek issa fuq www.heritagemalta.mt/store jew billi żżur xi mużew jew sit ta' Heritage Malta. Għal aktar dettalji u biex tiskopri aktar avvenimenti żur: www.heritagemalta.mt/whats-on.